# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 15 ta' Dicembru 2016**

**Kawza Numru : 30**
**Rikors Guramentat Numru : 735/2016/LSO**

**Yury Mikhailovich Kulakov sive Yury Mikhailovich Sapezhinsky (KI 0286009L)**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' ta' Yury Mikhailovich Kulakov sive Yury Mikhailovich Sapezhinsky (KI 0286009L) datat 25 ta' Awwissu 2016 fejn espona: -

1 Illi huwa twieled fil-15 ta' Dicembru tas-sena 1989 gewwa Moska, ir-Russja;

2. Illi fit-twelid, l-isem tieghu kien Yury Mikhailovich Kulakov, liema twelid gie ukoll registrat f'Malta kif jirrizulta mic-certifikat 2860 tas-sena 2009 (kopja annessa bhala "Dok A");

3. Illi l-esponent huwa cittadin Malti (certifikat tac-cittadinanza Maltija huwa anness bhala "Dok B");

4. Illi minhabba cirkostanzi familjari, l-esponent beda juza *de facto* l-kunjom "SAPEZHINSKY" u ilu juza l-istess ghal diversi snin tant illi sar maghruf taht l-istess;

5. Illi fis-7 ta' Mejju 2014, l-esponent ghamel applikazzjoni mal-Khamovnichesky Civil Registry Office, Moska, Russja sabiex jibdel il-kunjom tieghu minn "KULAKOV" ghal "SAPEZHINSKY". Din l-applikazzjoni giet akkolta u b'hekk, il-kunjom tal-esponent inbidel minn naha tal-awtoritajiet Russi (Aness bhala "Dok C" huwa *Certificate of Changing Name* relattiv);

6. Illi c-certifikat tat-twelid Russu tal-esponent gie ukoll emendat sabiex jirrifletti l-bidla tal-kunjom (kopja hija annessa bhala "Dok D");

7. Illi l-esponent, bhala cittadin Malti, ghandu interess u jixtieq illi l-bidla fil-kunjom tieghu tigi registrata f'Malta ghall-effetti kollha tal-ligi.

Ghaldaqstant, l-esponent jitlob bir-rispett illi wara d-debita publikazzjoni tal-avviz fil-Gazetta tal-Gvern *ai termini* tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara u tordna illi fir-registrazzjoni f'Malta tat-twelid tal-esponent jigi notat illi kunjomu inbidel ufficjalment fir-Russja u minn "KULAKOV" dan gie sostitwit ghal "SAPEZHINSKY";

2. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jemenda l-att tar-registrazzjoni tat-twelid tal-esponent f'Malta billi jikkancella l-kunjom "KULAKOV" u jissostitwixi l-istess bil-kunjom "SAPEZHINSKY";

3. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jikkoregi kull att, certifikat jew dokument relattiv ghall-esponent biex b'hekk il-kunjom "KULAKOV" ghandu jigi kancellat u jigi sostitwit bil-kunjom "SAPEZHINSKY".

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-1 ta' Novembru 2016.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 20 ta' Settembru 2016 (fol 24) fejn Dr

Byron Camilleri ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-istess Direttur tieghu ddikjara u kkonferma :-

1. Illi in linea preliminari jinghad illi huwa mehtieg li tal-inqas hmistax-il gurnata qabel is-smigh tal-kawza ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* tal-**Artikolu *254* tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;**

2. Illi bla hsara ghal premess, l-esponent umilment jirrileva li ma jirrizultax kemm mid-dikjarazzjoni mahlufa tar-rikorrenti kif ukoll mill-Att ta' Twelid li jgib in-numru ta' iskrizzjoni 2860 tas-sena 2009, li kien effettivament sar xi zball jew saret xi ommissjoni mill-esponent;

3. Illi jigi sottomess illi d-Direttur tar-Registru Pubbliku rregistra l-informazzjoni skont kif kienet prezenti fl-att esteru provdut lilu;

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jiddikjara li ma jsibx oggezzjoni li jintlaqghu t-talbiet tar-rikorrenti salv pero li huwa m'ghandux jinzamm responsabbli;

5. Illi ghal dak li jikkoncerna mal-mertu tal-kawza l-esponent jirrimetti ruhu ghad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti salv pero` li l-provi migjuba jkunu l-ahjar u sodisfacenti f’ ghajnejn il-ligi;

6. Illi finalment minghajr hsara ghall-premess l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti

mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil da parti tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qieghdin jigu ingunti in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tat-Tlieta, 1 ta' Novembru 2016 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr Mattia Felice ghar-rikorrent prezenti u Dr Graziella Tanti ghad-Direttur Intimat. Id-difensuri ddikjaraw li m'ghandhomx provi ulterjuri. Ghal kull *buon fini* r-rikorrent accetta li jassumi l-ispejjez ta' din il-kawza. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-15 ta' Dicembru 2016 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi din il-kawza qed issir *ai termini* tal-**artikoli 253** *et sequitur* tal-Kodici Civili li jaghtu dritt lil kull persuna li taghmel talba gudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-registrazzjoni ta' ismijiet fl-atti tal-istat civili.

Illi l-pubblikazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 254 tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta' Malta saret debitament fid-29 ta' Awwissu 2016 (fol 19) u b'hekk l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur intimat hija sorvolata.

Illi r-rikorrent qed jitlob li ssir korrezzjoni fir-registrazzjoni tal-att tat-twelid tieghu hawn Malta, billi jinbidel il-kunjom minn “Kulakov” ghal “Sapezhinsky”. Hu qed jitlob din il-korrezzjoni fir-registrazzjoni li saret hawn Malta wara li t-talab ghat-tibdil fil-kunjm giet milqugha mill-awtoritajiet Russi.

Ir-rikorrent xehed permezz ta’ affidavit fejn spjega li hu twieled fir-Russja fil-15 ta’ Dicembru 1989, u dejjem ghex ma’ ommu wara li ddivorzjaw il-genituri tieghu. Semma li l-kunjom “Kulakov” kien kunjom il-missier u *stante* li l-missier kien assenti f’hajtu, huwa wara li kien studja u ghex hawn Malta f’zghozitu, applika skont il-procedura Russa li jbiddel kunjomu billi jadotta l-verzjoni maskili tal-kunjom ta’ ommu u cjoe` “Sapezhinsky”. Inoltre`, hu esebixxa certifikat tal-bdil tal-kunjom rilaxxjat mill-awtoritajiet Russi, Dok C (fol 6-8), u certifikat tat-twelid Russu kif emendat, Dok D (fol 9-11). L-istess gie kkonfermat minn ommu Elena Sergeevna Sapezhinskaya b’affidavit taghha, fejn iddikjarat li f’eta` ta’ tlettax-il sena kienet gabet lir-rikorrent maghha f'Malta u minn eta` daqshekk zghira hu kien diga maghruf bil-kunjom “Sapezhinsky”, li kien il-kunjom tal-familja taghha u mhux ta’ missieru.

Illi wara li l-Qorti rat u ezaminat l-atti u d-dokumenti esebiti, hija sodisfatta li kunjom l-attur gie fil-fatt korrett mill-awtoritajiet Russi hekk kif jirrizulta mid-dokumenti sucitati Dok C u D (fol 6-11) konformament mal-principji enuncjati mill-On. Qorti tal-Appell fil-kaz fl-ismijiet **Anthony Mallia et**

**v Direttur tar-Registru Pubbliku** (31 ta' Jannar 2011) (ara wkoll sentenzi ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Damian Jean Carlo Vincent Borg *sive* Damian Pandolfino vs Direttur tar-Registru Pubbliku** (PA LSO dec-16 ta' Lulju 2015); **Julian Nybondas v Direttur Registru Pubbliku** - (PA LSO dec - 28 ta' April 2016; u **l-Avukat Dr. Ramona Azzopardi noe v Direttur tar-Registru Pubbliku** (PA LSO - dec.10 ta' Novembru 2016).

Fid-dawl tal-premess, din il-Qorti ser tilqa' t-talba ghad-debita korrezzjoni.

Ikkonsidrat li l-intimat irrimetta ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti ghal dak li jikkoncerna l-mertu ta' din il-kawza

Izda, taqbel mal-intimat li ma sarx zball fir-registrazzjoni tal-isem da parti tad-Direttur intimat. Ghalhekk, taqbel li l-intimat m'ghandux ibati l-ispejjez tal-kawza.

Riferibbilment ghat-tielet talba din ma saritx fit-termini tal-artikolu 253(3) tal-Kap 16 u ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghha sabiex jigi riservat ghar-rikorrent il-possibilita' li jiddeduci talbiet ulterjuri in gudizzju jekk ikun il-kaz.

## III. <u>KONKLUZJONI</u>

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrent kif gej:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara u tordna illi fir-registrazzjoni f'Malta tat-twelid tal-esponent bin-numru 2860/2009 jigi notat illi kunjomu inbidel ufficjalment fir-Russja u minn "KULAKOV" dan gie sostitwit ghal "SAPEZHINSKY";

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jemenda l-att tar-registrazzjoni tat-twelid tal-esponent f'Malta billi jikkancella l-kunjom "KULAKOV" u jissostitwixxi l-istess bil-kunjom "SAPEZHINSKY";

3. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba ghar-ragunijiet fuq spjegati.

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-**artikolu 256 tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta' Malta.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrent.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**15 ta' Dicembru 2016**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**15 ta' Dicembru 2016**